# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 222/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mario Borg)**

**vs**

**Joseph Borg**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Joseph Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 337543M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Novembru, 2013 ghall-habta ta' 10:15hrs gewwa Triq il-Belt Valletta, Qormi waqt li kien qed isuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAF 724;

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont;
2. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku

kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Grech skond kif iccertifika Dr. Neville Borg MD.

3. U aktar talli naqas li jieqaf fejn kien hemm sinjal li jindika 'STOP'

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' April, 2016 li biha illiberat lill-imputat fuq konflitt ta' provi;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fil-parti fejn ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu, **tirrevoka** l-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija fl-imputat ghall-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minflok tghaddi sabiex issib htija ghal din l-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tinfliggi l-piena skont il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell tal-Avukat Generali limitat ghall-ewwel minn tlett imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat li minnhom kien liberat u dan bil-gravam singolari li l-ewwel Qorti ghamlet

apprezzament zbaljat tal-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz imorru lura ghall-Novembru 2013 meta l-appellat kien qed isuq vettura u hareg minn fuq *side road* ghall fuq triq principali allegatament minghajr ma waqaf fuq l-istop sign bil-konsegwenza li mutur misjuq mill-kwerelant fuq il-*main road* baqa' diehel fuq il-vettura tal-appellat u sofra offizi ta' natura gravi. L-ewwel Qorti lliberat lill-appellat mit-tlett imputazzjonijiet minhabba konflitt fil-provi. Issa, quddiem din il-Qorti xehedu biss l-Ispettur Prosekutur u l-appellat ghaliex wiehed mix-xhieda tal-prosekuzzjoni miet fil-mori u l-kwerelat baqa' ma kienx notifikat biex jidher u jaghti l-verzjoni tieghu;

3. Issa, minn dak li tista' tifhem din il-Qorti, stante li l-appellat kien liberat mill-imputazzjoni li naqas milli jieqaf fuq Stop Sign u l-Avukat Generali ma appellax fuq daqshekk, allura hija l-allegata azzjoni tal-appellat li naqas milli jezercita prekawzjoni bizzejjed meta hareg fuq il-*main road* anke jekk waqaf kif suppost qabel beda l-manuvra tieghu. L-Ispettur Prosekutur xehed illi ma kienx mar fuq il-lok tal-incident izda rrizultalu li biex l-appellat hareg ghal fuq il-*major road* kellu jissorpassa zewg vetturi li kienu pparkeggjati hazin u illegalment – wiehed fil-kisra tat-triq u l-iehor *double parked* magenbu bis-sewwieqa t-tnejn qieghdin jitkellmu. L-appellat kkonferma dan kollu kif ukoll li qabel hareg ghal fuq il-*major road* kien wieqaf u hares kemm il-darba 'l hinn u 'l hawn biex jara kienux gejjin vetturi. Appena hareg pied 'l barra biex ikun jista' jesplora aktar t-triq u hares fuq il-lemin tieghu gie fuqu l-mutur misjuq mill-kwerelant;

4. Il-kompitu ta' din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proceduri hu li tezamina akkuratament il-fatti biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn is-sentenza appellata hija radikata minn konflitt fil-provi bid-

deposizzjonijiet mhux traskritti in atti u biz-zewg xhieda tal-prosekuzzjoni assenti l-kompitu ta' din il-Qorti huwa pjuttost aktar difficli. Irid jinghad illi Rosario Galea li miet fil-mori kien prezenta id-Dokument DB li hu skizz tas-sit tal-incident, bil-vetturi u marki kollha tat-triq indikata u dan huwa prezervat in atti. Ir-revizzjoni akkurata tal-atti ghalhekk mhix possibbli f'dawn ic-cirkostanzi la darba din il-Qorti ghandha quddiemha biss il-fatti kif esposti mill-appellat u li wara kollox mqabbla mal-iskizz hija wahda attendibbli;

5. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.